



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.10.2007
SEG(2007) 1375

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Li Jakkumpanja l

WHITE PAPER:

“Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013”

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

{KUMM(2007) 630 finali}
{SEG(2007) 1374}
{SEG(2007) 1376}

1. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-ħtieġa għal Strateġija ġdida hija bbażata fuq l-isfidi dejjem ikbar u differenti li qed taffaċċja l-UE, u li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv biss b'rispons ikkoordinat fil-livell ta' l-UE li jinvolvi l-imsieħba u l-partijiet interessati kollha. Dawn jinkludu t-tixjiħ tal-popolazzjoni li qed tbidel ix-xejriet tal-mard u qed tagħmel pressjoni fuq is-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa u l-ekonomija usa' f'UE mkabbra. Theddidiet għas-saħħa bħall-pandemiji tal-mard trażmissibbli u l-bijoterroriżmu huma ta' tħassib dejjem akbar, filwaqt li l-impatt tal-bdil fil-klima fuq is-saħħa iqajjem theddidiet ġodda. It-teknoloġiji l-ġodda qed jibdlu kompletament il-mod kif is-saħħa tiġi promossa u kif il-mard jiġi mbassar, ipprevjenut u kkurat, u l-globalizzazzjoni tkompli tibdel il-mod kif ninteraġixxu mal-bqija tad-dinja.

UE mkabbra b'Inugwaljanzi Ikbar fis-Saħħa

F'UE ta' 27 Stat Membru hemm inugwaljanzi wiesgħa fil-qasam tas-saħħa (inugwaljanzi inġusti u li jistgħu jiġu evitati) bejn il-pajjiżi u fil-pajjiżi nfushom. Pereżempju, fl-Italja, l-irġiel jgħixu 71 Sena ta' Ħajja fis-Saħħa (HLY – Healthy Life Years) meta mqabbel ma' 53 HLY għall-irġiel fl-Ungerija. Il-popolazzjoni li qed tixjeh se tpoġġi ħafna pressjoni fuq is-sistema tas-saħħa u l-ekonomija b'mod ġenerali. Il-projezzjonijiet tal-Kummissjoni stmaw li jekk HLY jiżdiedu bl-istess rata bħall-istennija ta' l-għajxien, l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa minħabba t-tixjeh jonqsu bin-nofs. Minkejja li diġà qed issir azzjoni f'dan il-qasam, l-UE tista' żżid il-valur billi, pereżempju, tteġġeg iktar l-użu tal-programmi għas-saħħa tal-Politika Reġjonali u billi taqşam il-prassi tajba f'dan il-qasam u kif ukoll f'oħrajn.

Theddidiet Attwali u Emerġenti għas-Saħħa

Il-ħarsien taċ-ċittadini kontra t-theddidiet tas-saħħa bħall-mard trażmissibbli u dawk mhux trażmissibbli, u t-titjib tas-sikurezza u s-sigurtà huma sfidi attwali tas-saħħa fejn l-UE tipprovdi valur miżjud ċar, billi hemm kwistjonijiet li ma jirrispettawx il-fruntieri u li ma jistgħux jiġu indirizzati effettivament minn Stati Membri individwali. Strateġija ġdida tista' żżid il-valur billi tipprovdi opportunitajiet ġodda għall-qsim tal-prassi tajba u tagħti spinta lit-titjibiet f'oqsma bħas-sorveljanza tal-mard trażmissibbli fejn is-sistemi ta' l-UE jistgħu jiġu żviluppati iktar, u s-sikurezza tal-pazjenti, fejn bħalissa 10 % tal-pazjenti fl-isptarijiet ibatu minn effetti ħżiena.

Sistemi tas-Saħħa Sostenibbli

Is-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa fil-ġejjieni hija sfida fejn l-UE tista' toffri valur miżjud għal kwistjonijiet transkonfinali bħall-mobilità tal-pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa, u fil-faċilitazzjoni ta' l-iskambju ta' l-għarfien u l-prassi tajba fuq kwistjonijiet bħall-bdil demografiku u l-użu xieraq ta' teknoloġiji ġodda. L-Istrateġija l-ġdida tista' żżid il-valur permezz tal-Qafas Komunitarju għal Servizzi tas-Saħħa Sikuri u Effiċjenti li huwa waħda mill-inizjattivi li se tiġbor fiha.

Il-Globalizzazzjoni u s-Saħħa

Fid-dinja globalizzata tal-lum, huwa dejjem iktar diffiċli li l-azzjonijiet nazzjonali jew ta' l-UE jiġu mifruda mill-politika dinjija. Ħafna drabi jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw iċ-ċittadini ta' l-UE fil-livell globali, u l-politika interna ta' l-UE jista' jkollha konsegwenzi 'l barra mill-fruntieri ta' l-UE. L-Istrateġija tas-Saħħa proposta tista' żżid il-valur billi tagħti

enfasi ġdida fuq it-tisħiħ tal-vuċi ta' l-UE fi kwistjonijiet globali tas-saħħa fil-livell internazzjonali u billi tindirizza kwistjonijiet bħan-nuqqas globali ta' professjonisti tas-saħħa u ttejjeb l-aċċess għall-mediċini u t-teknoloġiji.

Governanza Tajba

Biex tkun effettiva, Strateġija ġdida jeħtieġ tappoġġa l-prinċipji tal-governanza tajba, jiġifieri li r-rispons ta' l-UE għal dawn l-isfidi jeħtieġ ikun ikkoordinat, effettiv, trasparenti u koerenti.

Qafas koerenti għall-politika tas-saħħa fil-livell ta' l-UE jaġixxi bħala xprun għall-ksib ta' l-għanijiet, u jgħin biex l-istrutturi eżistenti jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati. Strateġija fil-livell ta' l-UE tgħin biex tissaħħa l-azzjoni fil-qasam tas-saħħa fil-livell nazzjonali, u tiggwida l-użu ta' l-istrumenti u l-azzjonijiet ta' l-UE għas-saħħa.

L-Istrateġija proposta jkollha enfasi fuq is-Saħħa fil-Politiki Kollha, kunċett li fuqu hija bbażata l-azzjoni ta' l-UE għas-saħħa fit-Trattat. Approċċ multisettorjali huwa iktar effettivi milli approċċ li huwa limitat għas-settur tas-saħħa. L-Istrateġija tħeġġeġ li dan l-approċċ jiġi adottat fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak ta' l-UE.

Strateġija ġdida tagħmel ukoll l-azzjoni tas-saħħa ta' l-UE iktar viżibbli għall-partijiet interessati, inklużi l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-NGOs, l-industrija, l-akkademiċi u ċ-ċittadini.

2. IT-TEST TAS-SUSSIDJARJETA

L-Istati Membri ta' l-UE għandhom ir-responsabbiltà ewlenija li jħarsu u jtejbu s-saħħa ta' ċ-ċittadini tagħhom. Bħala parti minn dik ir-responsabbiltà, għandhom jiddeċiedu dwar l-organizzazzjoni u t-twassil tas-servizzi tas-saħħa u l-kura medika. Madankollu, l-għanijiet fundamentali ta' l-UE f'termini ta' ċaqliq ħieles ta' prodotti u servizzi u l-ħidma konġunta fuq kwistjonijiet transkonfinali, neċessarjament jinvolvu dimensjoni tas-saħħa. Huwa magħruf li hemm ħafna oqsma marbuta mas-saħħa fejn, biex tkun effettiva, l-azzjoni jeħtieġ tinvolvi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-pajjiżi. Il-prevenzjoni ta' flaġelli kbar fis-saħħa, it-tħejjija għal pandemiji, jew iċ-ċaqliq ta' pazjenti jew professjonisti tas-saħħa huma oqsma fejn l-Istati Membri ma jistgħux jaġixxu waħidhom b'mod effettiv, u fejn l-azzjoni kooperattiva fil-livell ta' l-UE hija indispensabbli.

L-UE tista' żżid il-valur permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet. Dawn jistgħu jinkludu ħidma biex tintlaħaq massa kritika jew jinkisbu **ekonomiji ta' skala**, pereżempju bil-qsim ta' informazzjoni dwar mard rari fejn għadd żgħir biss ta' nies jiġu affettwati f'kull Stat Membru. Dan jista' jfisser li ssir ħidma ma' l-Istati Membri biex is-**suq intern** jtkabbar u tizzied il-**kompetittività internazzjonali** tas-servizzi tas-saħħa. Il-valur miżjud jista' jinstab f'**kampanji** tal-promozzjoni tas-saħħa bħall-kampanja 'Help' għal kontra t-tabakk¹, fit-tfassil ta' **standards komuni** bħall-ittikkettar ta' l-ikel, fl-appoġġ tar-**riċerka** farmaċewtika u fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-saħħa fuq il-mezzi elettroniċi. **Il-qsim ta' l-aħjar prassi u l-attivitajiet ta' ffissar ta' punti ta' riferiment** f'ħafna oqsma jista' jkollhom rwol ewlieni għall-użu effiċjenti u effettivi ta' riżorsi skarsi u jappoġġaw is-sostenibilità finanzjarja tal-ġejjieni.

¹ http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/Tobacco/help_en.htm

Id-dritt u l-obbligu legali ta' l-UE li tieħu azzjoni fuq kwistjonijiet transkonfinali tas-saħħa, u d-dimostrazzjoni ta' suċċess fit-teħid ta' azzjoni rilevanti u effettiva dwar is-saħħa, filwaqt li l-prerogattiva ta' l-Istati Membri tiġi rispettata, u l-ħila ta' l-UE li żżid il-valur lill-ħidma mill-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa jidhru b'mod ċar.

3. GĦANIJET

L-għanijiet wiesgħa ta' l-Istrateġija huma li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin għas-saħħa li se naffaċċjaw fl-għaxar snin li ġejjin, il-ħarsien taċ-ċittadini mit-theddid tas-saħħa, l-appoġġ għal tixjijh fis-saħħa, l-appoġġ lis-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa u l-ekonomija usa', iż-żieda fl-enfasi fuq is-saħħa globali, il-ħidma biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa, u l-appoġġ għall-approċċ tas-Saħħa fil-Politiki Kollha. Iktar azzjonijiet speċifiċi dettaljati jiġu definiti fis-segwitu għall-Istrateġija.

4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Ġew analizzati erba' għażliet.

Għażla 1: li nkomplu bl-*istatus quo*

Għażla 2: li titfassal Strateġija għas-Saħħa b'approċċ imtejjeb ta' Saħħa fil-Politiki Kollha fil-livell ta' l-UE iżda ebda mekkaniżmu ġdid ma' l-Istati Membri jew il-partijiet interessati l-oħra

Għażla 3: li titfassal Strateġija għas-Saħħa b'approċċ imtejjeb ta' Saħħa fil-Politiki Kollha fil-livell ta' l-UE u mekkaniżmu ġdid ta' implimentazzjoni ta' Kooperazzjoni Strutturata biex jinvolvi lill-Istati Membri u l-partijiet interessati l-oħra

Għażla 4: li jiġu implimentati l-istess miżuri bħal fl-Għażla 3, iżda biż-żieda tal-leġiżlazzjoni biex jitwaqqfu miri li jorbtu fil-liġi għall-għanijiet ewlenin fl-Istrateġija

5. L-ANALIŻI TA' L-IMPATTI

Impatti Ekonomiċi

Hemm rabta ċara bejn popolazzjoni f'saħħitha u l-prosperità ekonomika. Bl-Għażla 1, il-potenzjal sħiħ għaż-żieda fl-appoġġ għall-ekonomija usa' permezz ta' titjib fil-qasam tas-saħħa ma jintlaħaqx. Bl-Għażla 2, l-iżvilupp imtejjeb ta' sinerġiji multisettorjali jista' jwassal għal impatt pożittiv fuq l-ekonomija permezz ta' ftehim aħjar ta', pereżempju, l-impatt tas-saħħa fuq il-forza tax-xogħol u l-impatt ta' l-innovazzjoni fuq is-sistemi tas-saħħa. Madankollu, mingħajr l-involviment sħiħ ta' l-Istati Membri, dawn il-kisbiet ikunu limitati. Bl-Għażliet 3 u 4, ikun mistenni impatt pożittiv ikbar billi mekkaniżmu ġdid ta' Kooperazzjoni Strutturata jippermetti lill-Istati Membri li jaqsmu l-għarfien u l-prassi tajba fir-rigward ta', pereżempju, investimenti fis-saħħa. Permezz ta' Strateġija viżibbli ġdida, ir-rabta bejn is-saħħa u l-prosperità ekonomika tinftiehem iktar u tappoġġa sistemi tas-saħħa sostenibbli u gwadanji ekonomiċi fil-perspettiva t-twila.

Impatti Soċjali

L-impatti soċjali pożittivi jissoktaw minn azzjonijiet tas-saħħa attwali bl-għażla ta' l-*istatus quo*, iżda din ma tqisx il-potenzjal għal titjib permezz ta' qafas strateġiku ġdid. L-Għażla 2 tibni fuq sinerġiji eżistenti multisettorjali li tista' twassal għal impatt soċjali pożittivi partikolarment f'oqsma bħall-impjiegi u s-saħħa, u l-edukazzjoni dwar is-saħħa. Madankollu, dan l-impatt aktarx ikun limitat mingħajr l-involvement sħiħ ta' l-Istati Membri u l-partijiet interessati l-oħra. Bl-Għażla 3, l-impatti soċjali pożittivi jkunu mistennija permezz ta' l-enfasi strateġika ġdida u l-mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni Strutturata. Riskju ta' miri leġislattivi li jorbtu fil-liġi ta' l-Għażla 4 jista' jkun li din tissimplifika ż-żejjed kwistjonijiet kumplessi, u twassal għal inqas titjib uniformi milli bl-Għażla 3.

Impatti fuq l-Ambjent

Ħidma attwali fuq kwistjonijiet tas-saħħa ambjentali tista' tfisser xi impatti pożittivi taħt l-għażla ta' l-*istatus quo*. L-Għażla 2 tista' toffri benefiċċji oħra billi żżid il-kooperazzjoni multisettorjali fl-oqsma bħall-bdil fil-klima, u billi tibni fuq ħidma eżistenti. L-Għażla 3 tista' toffri l-akbar potenzjal għal titjib permezz ta' iktar opportunitajiet għall-Istati Membri u l-partijiet interessati l-oħra li jaqsmu l-għarfien u l-esperjenza dwar kwistjonijiet tas-saħħa ambjentali, inklużi kwistjonijiet globali. L-Għażla 4 tista' toffri riżultati simili bħall-Għażla 3, iżda tista' titqies li tkun ta' piż bla bżonn.

Tqabbil ta' l-Għażliet

Għażla	Impatt għall-Għanijiet tas-Saħħa	Impatt għall-Għanijiet tal-Governanza
Għażla 1: Status Quo	<p>L-Għażla 1 twassal għal benefiċċji bbażati fuq it-tkomplija ta' l-azzjoni għall-ħarsien u t-titjib tas-saħħa tan-nies, inkluż il-qsim ta' l-għarfien u l-aħjar prassi.</p> <p>Madankollu, in-nuqqas ta' direzzjoni strateġika koerenti jista' jfisser li l-potenzjal għat-titjib ma jiġix sfruttat kompletament. Sfidi ġodda għas-saħħa, inklużi dawk marbuta mat-tkabbri għal 27 Stat Membru minn 15 fl-2004, jistgħu ma jiġux indirizzati b'mod xieraq. Il-benefiċċji ekonomiċi ta' approċċ iktar immirat lejn kwistjonijiet tas-sistemi tas-saħħa jintilfu.</p>	<p>Il-ħidma effettiva tissokta, inkluż ħidma ma' setturi oħra.</p> <p>Madankollu, ma tinkisibx viżjoni ċara u strateġika għall-ġejjieni, u ma jkunx hemm enfasi fuq l-indirizzar ta' sfidi ewlenin ġodda u l-isfruttar sħiħ tas-sinerġija bejn is-setturi fil-livelli kollha.</p> <p>Mingħajr Strateġija definita sewwa, il-preżentazzjoni ta' direzzjoni ċara li l-partijiet interessati u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom magħha tkun diffiċli.</p>
Għażla 2: Strateġija Saħħa b'Azzjoni	<p>Permezz ta' approċċ strateġiku lejn il-ħafna azzjonijiet varjati madwar l-UE li għandhom impatt fuq is-saħħa, l-Għażla 2 tista' twassal għal benefiċċji, pereżempju, enfasi akbar fuq l-appoġġ</p>	<p>L-Għażla 2 tistabbilixxi għanijiet strateġiċi li jgħinu biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni multisettorjali HIAP billi toffri qafas strateġiku ċar u direzzjoni.</p>

<p>Intersettorjali Mtejba</p>	<p>ta' stili ta' ħajja li ma jaffettwawx ħażin lis-saħħa, jew iktar kjarifika ta' kwistjonijiet marbuta ma' l-użu ta' teknoloġiji ġodda fis-sistemi tas-saħħa.</p> <p>Madankollu, mingħajr l-involvement sħiħ ta' l-Istati Membri, il-valur miżjud u r-riżultati effettivi taħt din l-Għażla jkunu effettivi.</p>	<p>Madankollu, aktarx li l-qafas il-ġdid ma jgħix rikonoxxut b'mod wiesa' mill-Istati Membri u l-partijiet interessati l-oħra, u li għalhekk l-progress lejn l-għanijiet ikun limitat. L-Għażla 2 aktarx li ma tilħaqx b'mod adegwat l-għan ta' iktar viżibilità u ftehim tal-ħidma fuq is-saħħa fil-livell ta' l-UE.</p>
<p>Għażla 3: Strateġija tas-Saħħa</p> <p>b'azzjoni Intersettorjali Mtejba</p> <p>u Kooperazzjoni Strutturata mal-Partijiet Interessati</p>	<p>L-Għażla 3 aktarx li twassal għal impatti pożittivi billi tinvolvi l-Istati Membri kollha permezz ta' sistema ta' Kooperazzjoni Strutturata, inkluż il-kejl tal-progress fil-konfront ta' indikaturi, konċentrazzjoni fuq l-indirizzar ta' sfidi ġodda, it-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi, l-appoġġ ta' stili tal-ħajja pożittivi għas-saħħa, l-indirizzar tas-sostenibilità futura tas-sistemi tas-saħħa, u l-appoġġ tal-kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet globali fil-politika tas-saħħa fil-livelli kollha.</p>	<p>L-Għażla 3 twaqqaf sistema ta' Kooperazzjoni Strutturata ma' l-Istati Membri u l-partijiet interessati biex tappoġġa l-ħidma lejn l-għanijiet u toffri opportunitajiet ġodda għall-qsim ta' l-għarfien u l-informazzjoni.</p> <p>Din l-għażla tmur iktar il-bogħod mill-Għażliet 1 u 2 billi tappoġġa rikonoxximent ikbar ta' l-importanza tal-ħidma intersettorjali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali madwar l-UE, u involviment ikbar ta' partijiet interessati mhux tradizzjonali bħala msieħba biex jinkisbu miri tas-saħħa.</p> <p>Aktarx li l-Għażla 3 tilħaq iktar milli l-Għażliet 1 u 2 l-għan ta' iktar viżibilità tal-ħidma fuq is-saħħa fil-livell ta' l-UE.</p>
<p>Għażla 4: Strateġija tas-Saħħa</p> <p>b'azzjoni Intersettorjali Mtejba</p> <p>u Kooperazzjoni Strutturata mal-Partijiet Interessati</p> <p>u Miri li Jorbtu fil-Liġi</p>	<p>L-Għażla 4, bħall-Għażla 3, aktarx li jkollha riżultat pożittiv bit-twaqqif ta' mekkaniżmu ġdid ta' Kooperazzjoni Strutturata biex jgħin jiffoka l-attenzjoni fuq l-isfidi ewlenin. L-impatt jista' jkun ikbar minn ta' l-Għażla 3 minħabba l-impożizzjoni ta' miri leġislattivi li jorbtu fil-liġi.</p> <p>Madankollu, dan jista' jittqies bħala piż sproporzjonat għall-Istati Membri u jista' jnaqqsilhom il-flessibilità huma u jindirizzaw problemi fil-livell nazzjonali.</p>	<p>L-Għażla 4 aktarx li tkun ftit iktar effettiva mill-Għażla 3 billi tisforza lill-Istati Membri jaħdmu lejn l-għanijiet permezz ta' miri li jorbtu fil-liġi, minflok sempliċement fuq il-proċess ta' kooperazzjoni biss.</p> <p>Bl-istess mod, aktarx li tkun ftit iktar effettiva fit-titjib tal-flessibilità tal-ħidma li saret fil-livell ta' l-UE, billi l-iffissar ta' miri legali jista' jfisser li iktar nies li jfasslu l-politika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali jkollhom jikkunsidraw l-għanijiet tas-saħħa ta' l-UE.</p>

		Din l-Għażla, madankollu, tista' titqies bħala piż sproporzjonat għall-Istati Membri.
--	--	---

L-Għażla 3 tuża s-setgħat mogħtija lill-UE fit-Trattat biex tagħmel pass iktar milli l-Għażla 2, billi twaqqaf sistema ta' implimentazzjoni ġdida. Din l-Għażla tiżgura li l-istrateġija l-ġdida ma tkunx biss eżerċizzju fuq il-karti, iżda li tmexxi l-bidla reali. Fl-istess ħin, ma teżagerax billi tqiegħed piż fuq l-Istati Membri u tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Din l-Għażla hija l-Għażla preferuta.

Sorveljanza u Valutazzjoni

Is-sorveljanza u l-valutazzjoni se jsiru abbażi tal-kejl fil-konfront tas-seba' għanijiet. It-tliet għanijiet ta' 'governanza tajba' jistgħu jitkejlu mill-indikaturi li ġejjin:

- Indikatur tal-proċess - li twaqqaf qafas bl-għanijiet (għan 5)
- Indikatur kwantitattiv – għarfien dwar l-istrateġija l-ġdida fost dawk li jfasslu l-politika, il-professionisti, l-akkademiċi u l-pubbliku
- Indikatur kwalitattiv – li HIAP hija prassi iktar komuni fil-livelli kollha

L-istabbiliment ta' parametri għas-sorveljanza u l-valutazzjoni ta' l-erba' għanijiet tas-saħħa ta' l-Istrateġija ma jaqgħux fl-ambitu tal-White Paper u għandu jiġi deċiż ma' l-Istati Membri wara l-adozzjoni ta' l-Istrateġija. Ir-rakkomandazzjoni biex tintagħżel l-Għażla 3 tfisser li mekkaniżmu ta' implimentazzjoni ġdid għal Kooperazzjoni Strutturata se jsir qbil dwaru u se jitwaqqaf minn u ma' l-Istati Membri. Waħda mill-ewwel ħidmiet ta' dan il-proċess il-ġdid ta' Kooperazzjoni se jkun li jitwaqqfu indikaturi għas-sorveljanza ta' l-Istrateġija, valuri fil-mira għal dawk l-indikaturi, u r-regolarità tal-ġbir tad-data.

L-Istrateġija se jkollha valutazzjoni ta' nofs it-terminu u valutazzjoni finali u se tkopri perjodu ta' għaxar snin.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Saru żewġ proċessi ta' konsultazzjoni fir-rigward ta' l-Istrateġija proposta. L-ewwel waħda kienet fl-2004 fejn id-dokument 'Enabling Good Health for All – A Reflection Proċess for a new EU Health Strategy' iġġenera dibattitu wiesa' fost il-partijiet interessati. Waslu 193 rispons, li appoġġaw enfasi fuq l-inklużjoni tas-saħħa f'oqsma politiċi oħra, it-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi fl-Istati Membri u bejniethom, il-promozzjoni tas-saħħa, rwol iktar qawwi għall-UE fi kwistjonijiet globali tas-saħħa, u l-indirizzar ta' kwistjonijiet ewlenin inklużi dawk b'impatt transkonfinali.

It-tieni konsultazzjoni tnediet fil-11 ta' Diċembru 2006 u ntemmet fit-12 ta' Frar 2007. Waslu 156 rispons inklużi risponsi minn 16-il Stat Membru. Ir-risponsi kienu jirriflettu l-konsultazzjoni preċedenti u esprimew appoġġ ġenerali għall-Istrateġija. Fost oħrajn, ir-risponsi sejhju għal enfasi fuq l-indirizzar ta' theddidiet tas-saħħa, it-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi tas-saħħa, il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja pożittivi għas-saħħa, u t-titjib tad-disponibilità ta' data komparabbli madwar l-UE. Kien hemm ukoll appoġġ wiesa' għal mekkaniżmu ta' implimentazzjoni simili għall-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni li jintuża għall-ksib tal-progress lejn l-għanijiet ta' l-aġenda ta' Liżbona.